MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru. 7/2005

**Il-Pulizija
Spettur Maurice Curmi
V**

**RODERICK VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RODERICK VELLA** bin Francis u Mary Olympia nee Said imwieled nhar l-erbgha ta’ Marzu 1986 u residenti 7, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 9886G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tnejn ta’ Settembru 2004 ghal habta tal-erbgha w nofs ta’ wara nofsinhar, fi Triq t-Tigrija, n-Nadur, Ghawdex:

1. Saq mutur bin-numru ta’ registrazzjoni FBF 949 Honda 70 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar t-Trasport ta’ Malta;

2. talli ma kienx kopert b’polza t’assikurazzjoni li tkopri r-riskji ta’ terzi persuni;

3. talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti bl-istess mutur tajjar/laqat lil Perter Paul Sant detentur tal-karta tal-identita numru 295360M minn H’Attard w involuntarjament ikkagunalu griehi gravi skond ma ccertifika Doctor Julian Portelli MD tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, 226(1)(B) tal-Kap 9 u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini nhar l-erbgha ta’ Mejju 2005.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Peter Paul Sant, lil Maria Sant, lil Doctor Julian Portelli, lil Perit Gwido Vella, lil Ispettur Maurice Curmi, lil PS 1233 Joseph Zammit, lil Francis Vella, lil Saviour Farrugia bhala rappresentant tal-ADT u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-ewwel zewg [2] akkuzi jirrizultaw ippruvati w ghalhekk **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, 226(1)(B) tal-Kap 9 u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat RODERICK VELLA hati tal-ewwel [1] w t-tieni [2] akkuza kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ elf u hamsin [1050] lira maltin u mhux hati tat-tielet [3] akkuza u tilliberah minnha.**

**Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghti l-fakulta lil imputat ihallas l-multa msemmija f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin bl-ewwel pagament dovut ikun mhux aktar tard mit-tmienja w ghoxrin [28] ta' Frar 2007, u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------